MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 204/2007

**A.**

**-vs-**

**1. B,**
**2. C,**
**3. Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u**
**4. Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tas-17 ta' Settembru, 2007 ġew nominati bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri X li twieled fit-28 ta' Settembru, 2006.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi r-rikorrenti żżewġet lill-intimat B fit-23 ta' Ġunju, 2001;

2. Illi r-rikorrenti ilha li telqet mid-dar matrimonjali minn April 2005;

3. Illi r-rikorrenti u l-intimat B sseparaw legalment fl-20 ta' Diċembru, 2005 permezz ta' kuntratt ippubblikat atti Nutar William Azzopardi (Dok. CG1), u baqgħet hekk fiżikament mifruda f'kull żmien materjali minn April 2005 sa llum-il ġurnata;

4. Illi r-rikorrenti A bdiet relazzjoni ma' l-intimat C, u minn din ir-relazzjoni twieled tifel X fit-28 ta' Settembru, 2006 (Dok. CG2), liema tifel minuri huwa allura l-wild naturali ta' l-istess intimat C;

5. Illi hemm lok għalhekk illi ċ-ċertifikat tat-twelid ta' X jiġi emendat fis-sens illi l-paternita' u d-dettalji, senjatament il-kunjom, ta' l-istess minuri jkunu korrettament jirrispekkjaw u jikkonformaw mal-fatt illi l-imsemmi C huwa l-missier naturali tal-minuri X;

6. Illi *inoltre* l-imsemmi ntimat B ma huwiex qiegħed iħallas manteniment lir-rikorrenti għall-ħtiġijiet ta' l-imsemmi minuri X;

7. Illi r-rikorrenti tixtieq li kunjom binha X jitbiddel għal C.

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmi minuri X m'huwiex it-tifel naturali ta' B, *ex* raġel tar-rikorrenti ommu, iżda huwa t-tifel naturali ta' l-intimat C b'mod illi hemm lok għall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri f'dan is-sens;

2. Tordna għalhekk il-korrezzjoni meħtieġa fl-att tat-twelid ta' X, numru 3122 tas-sena 2006 sabiex il-paternita' tal-minuri tiġi korrettement rispekkjata fl-istess

att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mniżżla l-konnotati tal-missier, il-konnotati ta' l-intimat B jiġu kanċellatti u minflok jiġu mniżżla l-konnotati ta' l-intimat C, kif dawn jirriżultaw mill-provi miġbura f'din il-kawża, u jitbiddel ukoll il-kunjom tal-minuri għal C;

3. Tiddikjara li bħala l-missier naturali ta' l-imsemmi tifel, l-intimat C huwa obbligat imantni *ossia* jikkontribwixxi lejn il-manteniment ta' l-istess minuri;

4. Tordna li l-kura u kustodja ta' l-imsemmi minuri X tiġi affidata lir-rikorrenti;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fil-31 ta' Awissu, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti għandha tispeċifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali l-intimat C sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu, dawn id-dettalji jkunu jistgħu jiġu nseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-oħra. *Inoltre*, ir-rikorrent għandu jitlob li jekk jintlaqgħu t-talbiet attriċi għandhom jiġu kanċellati l-kliem "*the said*" minn taħt il-kolonna li tispeċifika d-dettalji ta' omm it-tarbija.

3. Illi l-esponent m'huwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward tat-tielet u r-raba' talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat, li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Kuraturi Deputati, ippreżentata fis-6 ta' Novembru, 2007, li permezz tagħha esponew bir-rispett u bil-ġurament tagħhom ikkonfermaw:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u meta jkunu jafu l-fatti ser jirriservaw li jissottomettu risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C, ippreżentata fis-16 ta' Novembru, 2007, li permezz tagħha qabel mat-talba attriċi u eċċepixxa reverentement:

1. Illi huwa jaqbel ma' l-ewwel talba tar-rikorrenti li l-minuri X huwa t-tifel naturali tiegħu minn relazzjoni li huwa kellu mar-rikorrenti A;

2. Illi huwa jaqbel li hemm bżonn ta' korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' X, numru 3122 tas-sena 2006, sabiex il-paternita' tal-minuri tiġi korrettament tirrifletti l-konnotati tiegħu bħala missier il-minuri X, kif ukoll il-kunjom ta' l-istess minuri X jiġi jaqra C;

3. Illi huwa jaqbel li għandu jħallas il-manteniment għal ibnu X kif *del resto* għamel sa llum;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra permessi bil-liġi.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' ċessjoni ta' l-attriċi referibbilment għat-tielet u r-raba' talba a fol 50 tal-proċess.

Rat l-atti proċesswali u senjatament ir-rapport ta' l-esperta tad-DNA.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi u tal-konvenut C.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellu reġistrata bħala bint ir-raġel tagħha, hija fil-fatt tiegħu. Il-konvenut ammetta u l-kuraturi m'humiex edotti bil-fatti. Dan ġie kkonfermat mit-test xjentifiku.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk:

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħeda mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubju dwar it-talba attriċi, u anke f'dan il-każ

hemm ammissjoni ċara. Mill-provi jirriżulta li l-attriċi sseparat addirittura disa' xhur qabel it-twelid tat-tarbija.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret a fol 41.

**Għaldaqstant il-Qorti:**

**1. tilqa' l-ewwel talba;**

**2. tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jirreġistra l-korrezzjonijiet neċessarji (fl-att tat-twelid imsemmi u jitniżżlu l-konnotati tal-konvenut C, illi huma dawk indikati fl-affidavit tiegħu;**

**3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra *stante* ċ-ċessjoni msemmija.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi u l-konvenut C solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------